MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 134/1990/1

**Carmelo Desira**

**VS**

**Joseph Desira, Concetta Desira armla minn Frank f'isimha u ghan-nom tal-minuri Marica u Jeanette Desira u b'nota tal-11 ta' April, 1991, Jeanette Desira assumiet l-atti tal-kawza billi fil-mori tal-kawza saret maggorenni**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremeta:

Peress illi l-attur kellu zewgt ikmamar kbar il-Munxar ta' Xorb l-Ghagin, F'San Turnas.

Peress illi fid-9 ta' Ottubru, 1988 l-konvenut Joseph Desira u l-mejjet Frank Desira marru fuq il-post imsemmi u hemm bl-operat taghhom saret spluzzjoni li kagun taghha taru u gew distrutti dawn il-kmamar u miet sforz il-feriti prodotti l-imsemmi Frank Desira.

Peress illi l-attur sofra danni konsiderevoli.

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1) Tiddikjara lill-konvenuti responsabli ta' l-incident tad 9 ta' Ottubru, 1988 li fiha l-kmamar imsemmija gew distrutti.

2) Tillikwida id-danni hekk kagunati.

3) Tkkundannhom ihallsu l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispej,jez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u l-Mandat kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Desira a fol. 11** tal-process fejn eccepixxa:

Illi l-fatti addebitati lill-konvenut Joseph Desira huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u m'humiex minnhom u ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Concetta Desira proprio et nomine a fol. 15** tal-process fejn eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti f'isimha propju m'ghandha ebda *locus standi* f'din il-kawza billi zewgha miet u l-werrieta tieghu gew iddikjarati mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Ghalhekk

l-eccipjenti f'isimha propju ghandha titqieghed immedjatament barra l-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi Jeanette Desira, deskritta bhala minuri f'din ic-citazzjoni, hija maggorenni u l-eccipjenti m'ghandha ebda rapprezentanza taghha u ghalhekk in kwantu l-eccipjenti giet citata bhala rapprezentanti ta' bintha Jeanette Desira, ghandha wkoll titqieghed barra l-gudizzju immedjatament bl-ispejjez kontra l-attur.

3. Illi l-eccipjenti bhala rapprezentanti ta' bintha minuri Marika, teccepixxi lli din bhala eredi ta' missierha, m'ghandha ebda responsabbilta ghad-danni sofferti mill-attur, u ghalhekk it-talbiet tal-attur in kwantu diretti kontra taghha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat in-nota prezentata fil-11 ta' April 1991 fejn Jeanette Desira assumiet l-atti tal-kawza peress li saret maggorenni.

Rat in-nota prezentata fil-11 ta' April 1991 fejn l-attur ceda l-atti tal-kawza fil-konfront ta' Concetta Desira fil-vesti taghha personali.

Rat id-digriet tal-11 ta' April 1991 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace sabiex jisma' l-provi u jirrelata.

Rat id-digriet tad-9 ta' Novembru 1992 fejn l-Avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace gie sostitwit fl-inkarigu tieghu ta' perit legali minn Dr. Paul Gauci Maistre.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali a fol. 111 et seq. tal-process.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**FATTI U KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghall-ispluzjoni li sehhet fid-9 ta' Ottubru 1988 u ghad-danni li gew kagunati lilu bhala konsegwenza ta' dina l-ispluzjoni. L-attur kellu zewgt ikmamar gewwa l-Munxar ta' Xorb l-Gahgin, San Tumas, iz-Zejtun u dawn gew kompletament distrutti bhala konsegwenza ta' l-ispluzjoni. L-attur jallega li l-konvenuti Joseph Desira u Frank Desira kienu responsabbli ghal din l-ispluzjoni fis-sens li din giet ikkagunata minnhom. Il-konvenut Joseph Desira jichad kwalsiasi responsabilita' u jallega li huwa ma kienx ippartecipa fl-ispluzjoni izda kien mar isalva lil kuginuh Frank Desira meta sabu jokrob bl-ugiegh. Huwa jsostni li kien fil-kamra fl-ghalqa tieghu, liema ghalqa kienet addjacenti ghal dik propjeta' ta' l-attur, u meta ra n-nar tiela' u sema' lil kuginuh Frank Desira jokrob, mar jaghti l-ghajjut. Huwa jinnega kwalsiasi partecipazzjoni fl-akkadut, kemm qabel kif ukoll wara. Il-konvenuti Concetta u Jeanette Desira kif imharrka wkoll jichdu kwalsiasi responsabilita' ghad-danni sofferti mill-attur. M'huwiex kontestat li meta sehhet l-ispluzjoni fid-9 ta Ottubru 1988 kien prezenti Frank Desira, li miet tlett ijiem wara bhala konsegwenza tal-hruq estensiv f'gismu, liema hruq gie kagunat fl-incident. F'xi hin kien prezenti ukoll Joseph Desira li sofra griehi konsistenti fi hruq.

## RESPONSABILITA'

Il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti, jidrilha li l-attur inrexxielu jipprova fil-grad rikjest mill-ligi, u cioe' fuq bilanc ta' probabilitajiet, li z-zewg konvenuti kkagunaw l-ispluzjoni u ghalhekk kienu responsabbli ghall-akkadut. Il-griehi sostanzjali sofferti miz-zewg konvenuti (95% fil-kaz ta' Frankie Desira u 50% fil-kaz ta' Joseph Desira) jindikaw li huma kienu prezenti fil-kmamar propjeta' ta' l-attur fil-mument li fih sehhet l-ispluzjoni. Ma ngabet ebda prova li tindika li l-imsemmija spluzjoni setghat sehhet minhabba ragunijiet accidentali ghal volonta' taz-zewg konvenuti u l-anqas ma ngabu provi sabiex jiggustifikaw il-prezenza taz-zewg konvenuti fil-propjeta' privata ta' l-attur minghajr il-kunsens ta' l-istess attur.

Fil-kaz ta’ Frankie Desira, ix-xhieda ta’ Joseph Desira tikkonferma li dan kien mar fil-propjeta’ ta’ l-attur intenzjonat li jikkaguna hsara. Fil-kaz tal-konvenut Joseph Desira il-provi cirkostanzjali jindikaw li huwa effettivament kien akkompanja lil kuginuh Frankie Desira sabiex tigi kagunata hsara fil-propjeta’ ta’ l-attur. Il-fatt li Joseph Desira kellu anqas hruq minn Frankie Desira ma jfissirx li huwa ma kienx prezenti fil-mument li saret l-ispluzjoni ghaliex kif sostna l-perit legali fir-relazjojni tieghu, mhux kull min jiddarrab fi spluzjoni isofri l-istess grad ta’ hsara. Fil-fehma tal-Qorti il-grad ta’ hruq soffert mill-konvneut Joseph Desira kien ukoll estensiv u  ghalhekk tirritjeni li huwa  kien prezenti fil-mument ta’ l-ispluzjoni u ma kienx mar wara, u cioe’ kif qed isostni hu, meta sema’ lil kuginuh jokrob u meta ra n-nar tiela.

Inoltre l-fatt li l-konvenut Joseph Desira biddel il-verzjoni tieghu dwar l-involviment tieghu fl-akkadut tkompli tikkonvinci lill-Qorti li huwa bhala l-unika persuna li ghada hajja u li kienet prezenti fuq il-post meta sehhet l-ispluzjoni, qieghed jipprova jaghti dik il-verzjoni biex ma timplikahx f’dak li gara. A tempo vergine huwa fil-fatt kien qal lil puilizjia li kien mar jaqta’ kampanella minn ma genb il-kamra meta din splodiet filwaqt li meta xehed f’dina l-kawza huwa sostna li kien prova jikkonvinci lil kuginuh sabiex ma jisgassax il-bieb tal-kmamar ta’ l-attur u li meta dan kompla jinsisti fl-agir tieghu huwa mar fil-kamra tieghu u kien biss meta sema’ lil kuginuh jokrob u ra n-nar tiela li huwa mar fil-kmamar ta’ l-attur sabiex jassisti lill Frank Desira. Il-konvenut ma ta’ ebda spjegazzjoni ghal dan it-tibdil fil-verzjoni tal-fatti. Ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Antoine Casha dwar dak li sab meta huwa acceda fuq il-post tikkonferma ulterjorment li l-konvenut Joseph Desira kien prezenti **fil-kmamar** fil-mument li sehhet l-ispluzjoni u li huwa kien kien partecipi fl-ikkawzar ta l-istess spluzjojni u mhux verosimili li ma rahx dak li kien tpogga fil-kamra qabel l-ispluzzjoni.

## LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI

L-attur qieghed jippretendi li d-danni minnu sofferti bhala konsegwenza ta’ l-ispluzjoni kagunata fid-9 ta Ottubru

1988 ghandhom jigu likwidati fis-somma ta’ Lm1,230.95 u dan skond id-dokumenti minnu esebiti a fol. 203 sa 221 tal-process. Il-konvenuti qed jikkontestaw il-quantum tad-danni reklamat mill-attur u dan principalment ghal tlett ragunijiet:-

1. Il-kmamar ma kienux koperti b’permessi.
2. L-attur irrilaxxja l-ghalqa u l-kmamar li kienu jinstabu fuqha u li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna, favur is-sid u rcieva kumpens minghand l-istess sid ta’ Lm1,000.00 u dan skond skrittura tal-20 ta’ Dicembru 1997.
3. Meta regghu nbnew il-kmamar dawn inbnew daqxejn akbar milli kienu originarjament.

1 . Il-konvenuti jikkontendu li la darba rrizulta li l-kmamar in kwsitjoni kienu originarjament mibnija minghajr permess u li meta regghu inbnew dan ukoll sar minghajr permess, l-attur ma jistghax jippretendi ebda kumpens ghaliex hadd ma jista’ jibbenefika minn stat ta’ illegalita. F’dan ir-rigward il-Qorti taqbel ma’ dak sottomess mill-perit legali fis-sens illi dan il-fatt kien stat ta fatt li kien ilu jezisti u li l-attur kien ilu zmien twil jibbenefika mill-uzu ta’ dawn il-kmamar u minhabba l-ispluzjoni huwa gie deprivat mill-uzu u l-beneficcju li kien qed jiehu minn dawn il-kmamar.

Il-Qorti jidrilha li l-istat ta’ illegalta’ tal-kmamar hija xi haga li kellha tigi deciza f’forum iehor u mhux f’din il-kawza. Il-fatt li l-kmamar ma kienux koperti mill-permess relattiv bl-ebda mod ma jinfluwixxi fuq id-dannu li gie rekat lill-attur li kien konsistenti fill-fatt li huwa gie privat mill-uzu li kien jaghmel mill-kmamar. Inoltre wiehed irid jikkunsidra li apparti l-fatt li l-kmamar infushom gew distrutti bhala konsegwenza ta’ l-ispluzjoni gew distrutti wkoll xi oggetti mobbli propjeta’ ta’ l-attur li kienu jinstabu f’dawn il-kmamar.

2. Il-kumpens ta’ Lm1,000 li l-attur ircieva minghand is-sid ta’ l-ghalqa fl-20 ta’ Dicembru 1997 inghata lilu talli huwa rrinunzja ghall-lokazzjoni ta’ l-ghalqa u mhux bhala kumpens ghall-kmamar. Ghalhekk ma jistghax jitqies li kien hemm xi forma ta’ arrikkiment indebitu kif qed

jippruvaw jallegaw il-konvenuti. Inoltre wiehed irid jikkunsidra li l-attur irrilaxxja l-ghalqa favur is-sid f'Dicembru 1997 mentri l-ispluzjoni sehhet fl-1988 u li kieku huwa ma regghax bena il-kmamar huwa kien jigi privat mill-uzu ta' l-istess ghal perijodu ta' disa' snin.

3. M'huwiex kontestat li meta l-attur rega' bena l-kmamar dawn kienu daqxejn akbar minn kif kienu originarjament izda mill-pjanta esebita a fol. 226 tal-process jirrizulta li kienet biss kamra wahda li tkabret b'zewg piedi. L-Qorti ghalhekk taqbel mat-tnaqqis ta' 5% li l-perit legali deherlu li kellu jsir mill-ammont ta' Lm513,00 mitlub mill-attur bhala l-ispejjes minnu inkorsi sabiex jerga' jibni z-zewgt ikmamar. L-ammont ta' danni li ser jigi likwidat bhala l-ispejjes li nkorra l-attur sabiex jergghu jigi mibnija l-kmamar qed jigi likwidat fis-somma ta Lm490.00. Il-Qorti taqbel ukoll mal-likwidazzjoni arbitrio boni viri maghmula mill-perit legali in kwantu jirrigwarda d-danni rimanenti sofferti mill-attur fejn dawn gew likwidati fl-ammont ta Lm660.00 u dan peress li l-oggetti in kwistjoni ma kienux ghadhom godda fil-mument li gew distrutti.

Id-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-ispluzjoni li sehhet fid-9 ta' Ottubru 1988 u li ghaliha kienu responsabbli l-konvenuti Joseph Desira u Frank Desira qed jigu likwidati fis-somma ta' Lm1.150.00.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talba ta' l-attur
U tikkundanna lill konvenuti li jhallsu lill attur is-somma ta' elf mija u hamsin lira Maltin (Lm1,150.00)
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------